MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1207/2000/1

**Avviz numru 1207/00DM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Joseph Scicluna**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ tlett mija wiehed u ghoxrin liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm321.79) minnhu dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 803781, (C/n 348610) skond il-prospett anness mall-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie nstallat fuq rikjesta tieghu fil-fond Viva Malta, 43, Triq San Frangisk, Bormla, kif jirrizulta mill-kopja tas-service agreement anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat- 30 ta' Marzu, 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet bil-gurament lil PL Noel Scerri u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' Lm321.79 (tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Marzu 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------